# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 8**

**Rikors numru 490/2017/1 MH**

**Barclays Bank p.l.c., bank esteru reġistrat fir-Renju Unit bin-numru ta' reġistrazzjoni 026167 u b'uffiċċju reġistrat 1, Churchill Place, Londra, Renju Unit, kif rappreżentat mill-mandatarja speċjali l-Avukat Julienne Portelli Demajo)**

**v.**

**Martin Buhagiar u martu Elaine Buhagiar**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-intimati minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Lulju, 2020, li għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet l-eċċezzjonijiet imressqa mill-istess

intimati u awtorizzat lill-Bank rikorrent jgħaddi għall-eżekuzzjoni tat-titolu mnissel minn kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Joseph Smith La Rosa fid-19 ta' Settembru, 2006, (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-kuntratt") billi dak l-att pubbliku nstab li jikkwalifika bħala titolu eżekuttiv.

***Daħla:***

2. Il-Bank rikorrenti, permezz ta' rikors maħluf imressaq fit-30 ta' Mejju 2017, ippremetta u talab lill-Ewwel Qorti biex, għall-għanijiet tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tawtorizzah jerġa' jirrendi eżegwibbli l-kuntratt, ladarba tali kuntratt jikkwalifika bħala titolu eżekuttiv. Il-Bank jgħid illi l-intimati ħadu self fl-ammont ta' ħames mija u tmenin elf Ewro (€580,000) u kellhom iħallsuh lura sa mhux aktar tard mit-23 ta' Ġunju 2011 flimkien mal-imgħaxijiet kif miftiehem; iżda billi huma naqsu li jagħmlu dan, id-dejn kuntrattat sar wieħed ċert, likwidu u dovut.

3. L-intimati konjuġi Buhagiar, eċċepew illi

> *"L-ewwel eċċezzjoni: l-art. 253 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u allura anke l-art. 258 tal-istess Kap. ma japplikawz għall-att pubbliku in eżami, u cioe' dak in atti tan-Nutar Dott. Joseph Smith La Rosa LL.D. datat 19 ta' Settembru 2016, in kwantu l-istess att pubbliku ma huwiex dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq.*
>
> *2. Il-bank rikorrenti ressaq ir-rikors odjern abbażi tal-art. 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta 'lli jistipula inter alia: "Wara - (c) l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil- paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti*

*minnu jkun għadu dovut." (sottolinear tal-esponenti)*

*3. Issa ai termini tal-art. 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta: "Huma titoliesekuttivi (u allura passibbli għad-disposta sopraċitat): (b) il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert,likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt;" (sottolinear u emfażi tal-esponenti).*

*4. L-att pubbliku in atti tan-Nutar Dott. Joseph Smith La Rosa datat 19 ta' Settembru 2006, u li tiegħu il-bank rikorrenti qiegħed ifittex l-eżekuzzjoni qua titolu eżekuttiv permezz ta' proċeduri ta' bejgħ bl-irkant (riferenza numru 10/2017, liema proceduri jinsabu preżentement sospiżi), fi klawsola 3.4 tiegħu jipprovdi 'lli: "The Borrower shall pay interest on the daily outstanding amount of the Loan at the rate of one point five per cent (1.5%) per annum over the rate at which deposits in the relevant currency are offered to the Bank in the London Inter-Bank Market two Business Days prior to the first day of an Interest Period for the value on such date for a similar amount and Interest Period ("LIBOR"), in the manner and subject to the terms and conditions set out in the Facility Agreement. The interest margin will be increased to two percent (2%) should further investments not be booked with the Bank within the six month period following first drawdown of the Facility." Ikompli l-istess att, fi klawsola numru 9.3 tiegħu 'lli: "That this public deed shall in no way imply a novation of the rights and obligations contracted by the Bank and the Borrower in virtue of the Facility Agreement."*

*5. Hawnhekk l-esponenti jagħmlu riferenza għall-pronunzjament ta' din l-Onorabbli Qorti tas-16 ta' Lulju 2014 (Rikors numru 531/2014 JPG, fl- atti tas-subbasta immobbli 15/14) fl-ismijiet Henry Depasquale (ID385944M) iben Samuel u Melita xebba Calleja, imwieled B'Kara u Maria Annunziata Depasquale (ID 390348M) bint Francis Sammut u Elvira xebba Cioffi, imwielda B' Kara u it- tnejn residenti Balzan v. Raymond Meilak, impjegat, imwieled tas-Sliema u joqghod tal-Ibragg, limiti tas- Swieqi (ID 238860M) u martu Anna Meilak, bint Anthony Calleja u Gemma nee' Mamo, imwieled Sliema u residenti Swieqi (ID 399862M) fejn ġie insenjat: "Illi skond l-insenjament moghti fid-digriet fil- proceduri fl-ismijiet "Avukat Dr. Edward Debono nomine vs Oliver Agius et", l-Imhallef Giannino Caruana Demajo irritiena: "Rat illi t-titolu vantat mill-kreditur huwa kuntratt ricevut minn nutar pubbliku ta' Malta, li, kif ighid l-art. 253(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, huwa titolu esekuttiv biss meta huwa huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq. Dak li, fil-fehma tal-kreditur, jaghmel id-dejn wiehed "li ghalaq" huwa nuqqas tad-debituri li jharsu xi pattijiet tal-kuntratt. Dan in- nuqqas jitqies bhala "event of default" skond il-ftehim u bis-sahha tieghu d-debituri jitilfu l-beneficcju tat-terminu. Jekk sehhx jew le dan in-nuqqas min-naha tad-debituri ma johrox milll-kuntratt innifsu u ghalhekk ma jistax jinghad, minn qari tal-kuntratt u tal-iskedi mehmuza mieghu, illi l-kuntratt huwa dwar dejn li ghalaq.*

*Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma jistax jinghad illi l-kreditur ghandu titolu esekuttiv taht l-art. 253(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili." (sottolinear u emfażi tal-esponenti).*

*6. L-esponenti jirriferu wkoll għall-pronunzjament ta' din l-Onorabbli Qorti tal-11 ta' Dicembru 2013 (Rikors Numru 850/2011 JPG) fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c (C 3177) -vs- Spiridione Bartolo detentur tal-karta ta' l-identita' numru 679061 M u Mary Tania Bartolo detentrici tal-karta ta' l- Identita' numru 510464 M fejn ingħad illi: "Fil-kaz in ezami, u mehuda in konsiderazzjoni il-klawsoli tal-kuntratti rispettivi in ezami, jekk il-bank jixtieq jittermina il-kuntratti ta' self minhabba d-dekadenza ta' xi obbligi da parti tal-intimati, dan jista' jsir biss permezz ta' pronunzjament gudizzjarju separat. (...) Fil-kaz in ezami huwa inkontestat illi ma sar ebda kanonizzazzjoni tal-kreditu permezz ta' sentenza, u huma il-kuntratti ta' self innifshom li qed jigu vantati bhala titolu ezekuttiv." (sottolinear u emfażi tal-esponenti)*

*7. Fil-każ in eżami wieħed jista' faċilment jiġi ndott li jaħseb li tenut kont tal-istipulazzjoni kontentua fi klawsola numru 2 tal-att pubbliku in atti tan-Nutar Dott. Joseph Smith La Rosa datat 19 ta' Settembru 2006, il-pronunzjamenti surriferiti jista' ma jkollhomx piż fuq il-vertenza odjerna. Dan pero' ma huwiex minnu u s-suespost ma jistax ħlief jinqara mas-segwenti. Il-bank rikorrenti mkien ma jsemmi l-imgħax minnu pretiż biex b'hekk l-ammont minnu pretiż huwa altru milli ċert fit-termini tal-Ligi. Hija x'aktarx għal din ir-raġuni 'lli l-bank rikorrenti f'kull att minnu preżentat kontra l-istanti jonqos li jikkonferma, skont hu, quantum allegatament dovuta.*

*9. (Sic!) Ma huwa ebda sigriet illi l-grupp Barclays kien involut fir-Renju Unit fi skandlu ta' manipulazzjoni tal-LIBOR; il-każ tal-esponenti odjerni ukoll jikkonċerna skorrettezzi fir-rispett tal-imgħax fejn kif ser jiġi muri tul it- trattazzjoni ta' dan ir-rikors, il-bank rikorrenti unilaterlment u mingħajr ebda jedd legittimu jew kunsens tal-esponenti varja r-rati tal-imgħax pattwiti fl-att pubbliku in atti tan-Nutar Dott. Joseph Smith La Rosa datat 19 ta' Settembru 2006. Bil-mod kif s'issa għażel li jipproċedi l- bank rikorrenti, tali rati (inkluż b'liema perċentwali qiegħdin jintalbu, b'liema frekwenza inħadmu, u liema żmien ikopru) ser jibqgħu mistura.*

*10. Kif ġie diversi drabi spjegat debitu ċert huwa wieħed li jirrizulta minn att notarili, għandu l-elementi u validita legali ta' debitu li ma jikkostitwix l-għemil ta' fatt, u li huwa fuq kollox determinabbli (ara Qorti Ċivili, Prim'Awla, 25 ta' Jannar 2016, Rikors numru 754/15 MC HSBC Bank Malta p.l.c. Vs Small Properties Limited). Effettivament fil-vertenza odjerna la mill-att pubbliku in atti tan-Nutar Dott. Joseph Smith La Rosa datat 19 ta' Settembru 2006 u lanqas mir-rikors promotur (jew mill-ittra ġudizzjarja li ppreċedietu) ma tirrizulta b'ċertezza l-pretensjoni finanzjarja tal-bank rikorrenti; dan partikolarment fid-dawl ta' dak fuq spjegat. B'ebda mod ma jista' għalhekk jingħad illi tali pretensjoni hija facilement determinabbli. L-*

*insejamenti fuq riportati għalhekk dwar l-għeluq tad-dejn, japplikaw daqstantieħor għaċ-ċertezza tal-istess biex b'hekk ma jistax jinghad illi l-kreditur ghandu titolu esekuttiv taht l-art. 253(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*it-tieni eccezzjoni: il-liċenzjar tal-bank rikorrenti*

*11. L-esponenti huma nfurmati illi l-bank rikorrenti ma kienux debitament licenzjati mill-awtoritajiet Maltin sabiex joperaw bħala bank u/jew jagħħtu faċilitajiet bankarji jew finanzjarji fit-termini tal-Liġi, inter alia fit-termini tal-Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. Illi l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża b'dan il-mod:

*"Konsegwentement fil-waqt li tichad l-eċċezzjonijiet mressqa tilqa t-talab u tawtorizza lil Bank rikorrenti jgħaddi ghal esekuzzjoni biss tal-kapital suriferut naxxenti mill-kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar N. Joseph Smith La Rosa datat 19 ta' Settembru, 2006, in kwantu l-istess kuntratt jikkwalifika bhala titolu eżekuttiv."*

U dan wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet legali li ġejjin:

*"…*

*"Ikkonsidrat*

*"Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tiddisponi mir-rikors u d-difiza ghalih jkun għaqli lli ssir referenza għal dak stabbilit fil-ġurisprudena nostrana fir-rigward ta' l-attakk li jista jitressaq fejn jirrgwarda l-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv prospettat fl-artikolu hawn invokat. Fil-kawza fl-ismijiet* ***HSBC Bank Malta p.l.c vs AL Investments Limited (C7715) bhala garanti solidali ta' AL Enterprises Limited*** [13] *inghad li:*

> *"Illi l-Bank rikorrent rabat espressament l-azzjoni tiegħu mal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li fil-parti tiegħu rilevanti għal dan il-procediment jaqra hekk:*
>
> *Wara l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi t-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (b) u (e) tal-artikolu 253... seta' ġie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."*
>
> *L-imsemmi Artiklu 253 jgħid inter alia li "huma titoli eżekuttivi...*
> *(b) il-kuntratti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirciviehom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn, likwidu u li għalaq, u li ma jikkonsistix f'eżekuzzjoni ta' fatt;*

*Illi l-imsemmi artikolu 258 huwa espressament maħsub biex jirregola l-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu eżegwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titolu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinat sa meta tista' ssir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż- żmien preskritt, tista' titħaddem il-proċedura msemmija fl-artikolu 258;*

*Illi l-Qorti tirrileva illi l-indagini ta' din il-Qorti f'rikorsi ta' din ix-xorta huma limitati. Kif ingħad fil-kawża HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et deciza fl-l ta' April, 2002 (Onor. Imħallef Raymond C. Pace):*

*Illi minn dan jidher li l-uniku eżami li għandha tagħmel l-istess Qorti għall- akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taċċerta ruħha dwar l-esistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-gurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn iżjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jiġi appuntat ghas-smiegh.*

*Illi fil-fatt tant huwa minnu dan li huwa biss ai termini tal-Artikolu 259(4) f'każ ta' proceduri da parte tal-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tal-kredituri, li l-ligi teħtieġ li l-istess rikors jiġi notifikat lid-debitur jew lill-eredi, ċessjonarji jew suċċessuri tiegħu, u dan allura jikkonferma it-teżi li f'dan il-każ, li ma jaqax taħt l-Artikolu 259 (4) appena čitat, l-unika eżami li trid tagħmel l-istess Qorti hija biss li tara l-eżistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li r-rikorrenti jikkonferma bil- gurament li d-debitu jew parti minnu għadu dovut";*

*Illi kif jgħallem il-wisq erudit imħallef Philip Sciberras, "huwa evidenti illi f'kawża ta' din ix-xorta r-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu iżda biss awtorizzazzjoni biex jeżegwixxi titolu eżekuttiv ġja kanonizzat bis-sentenza precedenti. F'dan is-sens hi d-deċizjoni fl-ismijiet John Portelli nomine -vs- Henry Azzopardi proprio et nomine, Appell, 29 ta' Mejju 1997." (14 Pace George vs Gauci Charles 24.11.2004 P.A.)*

*Ikkunsidrat:*

*Mill-eżami ta' l-atti processwali l-Qorti hi sodisfatta li f'dan il-każ:*

*(1) permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar John Spiteri datat 3 ta' Ġunju 2003 (Dok HSBC1) ġie reż eżekuttiv fil-konfront tal-intimati permezz ta' ittra uffiċċjali ai termini tal-Artikolu 256 datata 22 ta' Ottubru 2013 (Dok HSBC II), l-istess intimati ġew ikkonfermati debituri tal-Bank rikorrenti;*

*2) għaddew aktar minn ħames snin, minn meta t-titolu eżekuttiv seta' jiġi esegwit;*

*(3) gie kkonfermat bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li qed tintalab l-esekuzzjoni tagħha, u li parti mid-dejn għadu dovut. Illi fid-dawl ta' dak kollu li jissemma qabel, il-Qorti ssib li r-rikorrent seħħlu juri li jeżistu l-kundizzjonijiet kollha maħsuba mil-liġi biex it-talba tiegħu tista' tintlaqa';"*

*Ukoll fl-istess vena fid-deċizzjoni fl-ismijiet* ***HSBC Bank Malta vs Majoedden sive Magdy Ayad et.****(15 15 27/03/2018 :135/2018JZM) intqal li -*

> *"Dritt:*
>
> *Skont l-Art 253(b) tal-Kap. 12, huma titoli esekuttivi ... l-kuntratti rcevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix fesekuzzjoni ta` fatt.*
>
> *Skont l-Art 256(2) tal-Kap. 12, l-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv iehor (mhux sentenza) ma tistax issir hlief wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta` sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju.*
>
> *Skont l-Art 258(c) tal-Kap. 12, wara. l-gheluq ta` hames snin minn dak in-nhar li fih skont il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) ... tal-artikolu 253 seta gie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minu jkun ghadu dovut*
>
> *…*
>
> *L-eccezjonijiet in kwistjoni jinvolvu kwistjonijiet ta' mertu li johorgu għal kollox barra mill-parametri ta' procediment ta' din ix-xorta.*
>
> *Kif inghad fid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1988 fil-kawza "Emmanuele Falzon pro et noe vs Joseph Vella li kieku l-Qorti kellha taccetta li l-intimati jithallew iqajjmu eccezzjonijiet fil-mertu, tkun qegħda tiftah il-bieb ghall-abbuz tas-sistema gudizzjarja fis-sens li l-intimati jkunu qegħdin jingħataw l-opportunita' li jtawwlu procediment li ma kienx intiz mil-legislatur biex ikun ikkontestat b'eccezzjonijiet dwar mertu.*
>
> *Bil-kontenut tar-rikors (debitament konfermat bil-gurament) u fuq l-iskorta tad-dokumenti li pprezenta l-bank rikorrent fil-kors tas-smigh tar-rikors, il- Qorti hija sodisfatta li l-bank rikorrent ghamel il-prova li trid il-ligi ghall-fini ta procediment ta' din ix-xorta. Ladarba ghaddew il-hames snin, ladarba kienet prezentata l-ahjar prova kostitwita mill-kuntratt de quo bhala konferma tax-xorta tad-dejn jew tat-talba, ladarba hemm il-konferma bil-gurament illi d- dejn ghadu mhux kollu mhallas-fatti li rrizultaw kollha - allura t-talba tal- bank sejra tkun milqugha stante li dan il-procediment jittratta dwar l-ezegwibilita' tat-titolu esekuttiv."*

*"Illi tenut kont ta' dak ċitat u l-attakk li sar kontra l-eżegwibilta' tat-titolu lil bank rikorrenti akkwista bil-kuntratt ta' self imsemmi tqies is-segwenti fatturi:*

> *"-Li l-bank, bil-gurament tieghu kif debitament rappresentat, ikkonferma illi l-intimati kienu dovuti lejh is-somma ta' €580,000, rappresentanti il-kapital konsegwenza ta' self lilhom avvanzat.*
>
> *-Is-somma kienet waħda dovuta kif stipulat fil-kuntratt ta' self fil-paragrafu 3.1 ta' l-istess li jaqra "Subject to the terms and conditions of the Facility Agreement,the Loan will be repaid in full on or by the twenty third day of June of the year two thousand and eleven... by which date the loan must be paid in full, "16*
>
> *-L-istess bank presenta anke ittra uffèjali interpellatorja ghal hlas."*
>
> *-Il-bank ressaq provi, li ma ġewx ikkontestati, ta' pagamenti ta' interessi affettwati mid-debituri intimati. Ukoll in vista ta' l-eċċezzjoni mressqa da parti ta' l-intimati dwar in nuqqas ta' certezza tas-somma dovuta, ir-rikorrenti presenta dokumenti li juru r-reimbors lil intimati f'dak li ġie meqjus bħala interessi żejda imħallsa minnhom in kwantu ta' imposizzjoni ta' rati ta' interessi aktar onoruzi li tagħhom kien ikkontestat il-ftehim.*
>
> *-Da parti tagħhom l-intimati b'mod xott, jsaħħu li fil-fatt huma kienu anke hallsu xi parti mill-kapital. Dan ma ġie qatt pruvat b'xi forma dokumentarja. Fil-fatt anke mill-ittra uffiċjali li l-istess intimati baghtu lil bank biex jiprotestaw dak minnhom dovut, ma jissemma xejn mill-kapital dovut imma biss il-kontestazzjoni ta' imgħaxijiet aktar onoruzi minn dawk originaljament miftehma bejn il-partijiet.18 L-istess linja tista jingħad li ttieħed fl-eżami tax-xhieda fir-rigward. Għalhekk anke' jekk da parti tar-rikorrenti ma sar ebda kontro-eżami ta' dak li qal l-intimat fl-affidavit kif ben issottolineaw l-intimati fit-trattazzjoni tagħhom, xejn ma johrog mix-xejn, għax kif intqal ma gabu ebda prova soda ta' dak minnhom premess.*
>
> *-Ukoll fuq il-vena tal-provi mressqa mill-intimati, tqies li huwa ferm fjakk bħala skuza dak li ressaq Martin Buhagiar fix-xhieda tiegħu li hu ma kienx jaf x'hallas bhala kapital minħabba l-istat prekarju ta' saħħtu. Bla dubbju jinkombi fuq id-debituri intimati li jindukraw l-affari finanzjari tagħhom u jżommu kont ta' l-istess.*
>
> *-Jirrizulta ukoll li minħabba il-kontestazzjoni fuq l-imgħax, il-bank rikorrenti gia b'dikjarazzjoni tar-rappresentant tiegħu kif suriferut, irrinunzja għal kwalunkwe interessi dovuti u jitlob għal-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv li jgawdi biss fuq il-kapital. Somma li bla dubbju kienet waħda ċerta, dovuta u li għalqet.*

*"Illi meqjus dana kollu premess il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenzi riferuti mill-intimati fir-risposta tagħhom u fit-trattazjoni. Huwa ċar illi dik li għandha ir-rikors numru 531/2014 titratta sospensjoni ta' subbasta ai termini ta' l-artikolu 326(5) tal-Kap 12 u ma ssib ebda analoġija mal każ in eżami.*

> *Minn naħa l-oħra il-kawża bin-numru 850/2011JPG kif sew huwa sottolineat fir-risposta ta' l-intimati titkellem dwar l-inċertezza ta' żmien meta dejn għandu jitqies bħala wieħed "li għalaq". Pero anke' f' dan ir-rigward tqies li s-sentenza citata ma ssibx applikazzjoni għal kaz in eżami. Kif ġia ġie suċitat il-kapital imsemmi kellu terminu definit ta' ħlas sa data definita u dan kif sew specifikat fil-paragrafu 3.1 tal-ftehim maqbul bejn il-partijiet*
>
> *Illi ferm il-premess u gialadarba ma ngabet ebda prova kontrarja, il-kapital konfermat bil-gurament huwa čert dovut u għalaq u l-Qorti ma tarax ghaliex t-talba tar-rikorrenti m'għandiex tintlaqa fir-rigward ta' dik is-somma ta' kapital dovuta.*"

5. L-intimati ressqu l-appell nhar it-28 ta' Lulju 2020. Il-Bank rikorrent ressaq risposta nhar l-10 ta' Awwissu 2020. Saret trattazzjoni nhar it-22 ta' Frar 2022 u l-appell dakinhar tħalla għas-sentenza.

6. L-appell imressaq mill-intimati huwa primarjament imsejjes fuq il-kontenzjoni illi d-dejn tar-rikorrent mhux dejn ċert u konsegwentement il-kawża ma kellhiex tirnexxi.

***Fatti:***

7. Din il-Qorti rat ix-xhieda u dokumenti ppreżentati. Rat illi l-intimati eżekutati u l-Bank rikorrent eżekutant, permezz tar-rappreżentanti tiegħu, daħlu f'kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Joseph Smith La Rosa nhar is-16 ta' Novembru 2006, permezz ta' liema l-intimati ħadu self ta' ħames mija u tmenin elf Ewro (€580,000) liema self kellu jitħallas sa mhux aktar tard mit-23 ta' Ġunju 2011[1].

[1] F'paġ. 7 *et. seq*. tal-proċess

8. Skont ma nqabel mill-partijiet, l-istess kuntratt isemmi li r-rata ta' interessi kellha tkun kif ġej:

> *"3.4 The borrower shall pay interest on the daily outstanding amount of the loan at the rate of one point five percent (1.5 %) per annum over the rate at which deposits in the relevant currency are offered to the bank in the London inter bank market to business this prior to the first day of an interest period for the value in such date for a similar amount and interest period ("LIBOR") In the manner and subject to the terms and conditions set out in the facility agreement. The interest margin will be increased to two percent (2%) should further investments not be booked with the Bank within the six month period following first drawdown of the Facility.*[2]

9. Mix-xhieda ta' Richard Fry, rappreżentant tal-Bank rikorrent appellat, meta ntalab jipprovdi tagħrif dwar ir-rati ta' mgħax u l-kwistjoni li żvolġiet fir-rigward ta' żieda tal-istess imgħax għar-rata ta' sitta u nofs fil-mija (6.5%)[3], joħroġ minn korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet li, fir-rigward ta' kwistjoni li żvolġiet fuq l-imgħaxijiet pagabbli u r-rata tal-istess, kien hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet[4]. Ikkonferma li l-ammont misluf ma tħallasx.

10. Din il-Qorti rat korrispondenza li għaddiet bejn id-difensuri legali tal-partijiet, fejn il-Bank appellat kien lest li jrodd lura lill-intimati appellanti ħamsin elf Ewro (€50,000) minħabba diskrepanza u nuqqas ta' prova li kellu l-Bank dwar jekk l-intimati appellanti kkuntrattawx rata ta' mgħax

---

[2] F'paġ 9 tal-proċess
[3] F'paġ. 118 *et. seq.*tal-proċess
[4] F'paġ. 98 *et. seq.*tal-proċess

oħra minbarra dik miftehma fil-kuntratt[5].

11. Rat ir-rendikonti u dokumenti preżentanti mix-xhud Richard Fry[6].

***Ikkunsidrat:***

12. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom l-intimati eżekutati jilmentaw illi:

> *"A. Fid-dawl tad-diversi depozizzjonijiet ta' Richard Fry, u fid-dawl tad-dokumenti ezibiti, l-ewwel Qorti ma setgħetx takkolji t-talbiet tal-appellati.*
>
> *4. Jirriżulta pacifiku mill-atti proċesswall 'lli Richard Fry, in rappreżentanza tal-bank appellat, f'isem l-istess bank irrinunzja ghal-kull imghax naxxenti mill-att pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa datat 19 ta' Settembru 2006 (fol. 119 u 120).*
>
> *5. Jirriżulta pacifiku wkoll li d-differenza f'imgħaxijiet bejn dik li hi l-fixed rate u l-floating rate kienet dik ta' EUR44,506.41 biex b'hekk l-appellat iddikjara ruħu lest illi jirrifondi lill- appellanti s-somma ta' EUR50,000 (fol. 172 sa 193).*
>
> *6. Tali riżultanzi jemerġu ċari anke għall-ewwel Qorti mill-provvediment in ezami*
>
> *7. Huwa b'hekk konsegwenzjali 'lli, fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet surriferiti, l-ewwel Qorti ma setgħet qatt tawtorizza lil Bank rikorrenti jgħaddi għal esekuzzjoni tal-kapital shih fis-somma ta' EUR580,000, dan partikolarment in vista ta' dak premess f'para. 5 supro.*
>
> *8. Akkolti kwindi mill-ewwel Qorti, l-lanjanzi tal-appellanti fir-rispett tal-impozizzjoni ta' imgħax, l-ammont pretiż u li dwaru l-appellati gie awtorizzat jgħaddi ghall-eżekuzzjoni xorta jibqa' wieħed li ma huwiex "ċert" kif irid l-art. 253 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, għal liema dispost imbagħad jagħmel riferenza l-art. 258 tal-istess Kap.*
>
> *9. L-esponenti ma jistgħux għalhekk ma jerġgħux jagħmlu riferenza għall-pronunzjament tal-Qorti Civili, Prim'Awla tal-11 ta' Dicembru*

[5] F'paġ.172 tal-proċess

[6] F'paġ.181 *et. seq.* tal-proċess

*2013 (Rikors Numru 850/2011 JPG) fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c (C 3177) -vs- Spiridione Bartolo detentur tal-karta ta' l-identita' numru 679061 M u Mary Tania Bartolo detentrici tal-karta ta' l- Identita' numru 510464 M li dwaru l-ewwel Qorti jidher li ma għamlet ebda kunsiderazzjoni, fejn ingħad illi:*

> *"Fil-kaz in ezami, u mehuda in konsiderazzjoni il-klawsoli tal-kuntratti rispettivi in ezami, jekk il-bank jixtieq jittermina il-kuntratti ta' self minhabba d-dekadenza ta' xi obbligi da parti tal-intimati, dan jista' jsir biss permezz ta' pronunzjament gudizzjarju separat. (...) Fil-kaz in ezami huwa inkontestat illi ma sar ebda kanonizzazzjoni tal-kreditu permezz ta' sentenza, u huma il-kuntratti ta' self innifshom li qed jigu vantati bhala titolu ezekuttiv."*

*10. L-appellanti ma jistgħux allura ma jistqsux kif l-ewwel Qorti awtorizzat lill-appellat jgħaddi għall-eżekuzzjoni tal-kapital skont il-kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Joseph Smith La Rosa datat 19 ta' Settembru 2006, u allura fis-somma ta' EUR580,000, meta l-pretensjoni tal-istess appellat giet arginata mir-rappreżentanti / mandatarji tiegħu stess sabiex tirrifletti ammont anqas.*

*11. Fil-pronunzjamenti kwotati mill-ewwel Qorti stess, u cioe dawk fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. -vs- AL Investments Limited (C7715) bħala garanti solidali ta' AL Enterprises Limited (Qorti Civili, Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 2019, Rikors Numru 1232/2018 GM) u HSBC Bank Malta p.l.c. -vs- John Dalli et (Qorti Civili, Prim'Awla, 1 ta' April 2002, RCP) ukoll ingħad illi fl-eżami li jrid isir milll-Qrati, huma u jidderimu rikorsi bħal dak odjern, tinħtieġ per necessita prova li l-ammont kanonizzat huwa dovut, u dan idealment tramite l-konferma bil-gurament tar-rikorrenti. Fil-każ odjern, b'kull rispett, l-ewwel Qorti kellha quddiemha prova diretta mir-rappreżentanti / mandatarji tal-appellat li l-ammont mgħoddi lill-appellanti bis-saħħa tal-kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Joseph Smith La Rosa datat 19 ta' Settembru 2006 ma kienx dovut fl-intier tiegħu.*

*12. Kif ġie diversi drabi spjegat debitu "cert" huwa wieħed li jirrizulta minn att notarili, li għandu l-elementi u validita legali ta' debitu, li ma jikkostitwix l-għemil ta' fatt, u huwa fuq kollox determinabbli (ara Qorti Ċivili, Prim'Awla, 25 ta' Jannar 2016, Rikors numru 754/15 MC HSBC Bank Malta p.l.c. -vs- Small Properties Limited). Għandu jkun għal kollox paċifiku 'lli kien biss tramite r-rinunzja għall-imgħaxxijiet (wara proċeduri ġudizzjarji ta' kważi tlett snin) da parti tal-appellat illi d-debitu reklamat beda jingħata bixra ta' ċertezza. Kieku l-ewwel Qorti ħadet imbagħad qies tad-dikjarazzjoni tal-appellat fir-rispett tar-rifużjoni tas-somma ta' EUR50,000, hemhekk u hemmhekk biss kienet titnlaħaq iċ-ċertezza li trid il-Ligi".*

13. Il-Bank appellat wieġeb illi kienu għaddew aktar minn ħames (5)

snin mid-data li seta' jesegwixxi l-kuntratt u li l-appellanti donnhom jippretendu li ma għandhom iħallsu xejn lura, lanqas il-kapital, u dan meta għamilha ċara li l-pożizzjoni tiegħu kienet illi mhux ser jinsisti fuq l-imgħaxijiet. Jisħaq illi huwa ċar li dan l-ammont hu dovut u li l-appell huwa biss intiż li jtawwal il-proċess ġudizzjarju.

14. Din il-Qorti tikkunsidra illi ma taqbel xejn mal-argumenti mressqa mill-intimati appellanti. Huwa evidenti li jekk saru xi ħlasijiet lill-Bank rikorrent appellat, b'dawn il-ħlasijiet ġew saldati xi wħud mill-imgħaxijiet u mhux il-kapital. Fuq kollox, ma tressqet l-ebda prova mill-intimati li tħallas xi ammont mill-kapital. L-intimati appellanti ma ressqu anqas l-iċken prova li huma ttentaw iħallsu lura dejnhom mal-Bank matul dawn l-aħħar snin jew li l-kapital dovut huwa b'hekk anqas minn dak mitlub.

15. Kemm hu hekk, l-intimati appellanti sejsu l-eċċezzjonijiet u l-argumenti tagħhom fuq il-fatt li kien hemm kontestazzjoni fir-rigward tar-rata ta' imgħaxijiet. Madankollu, tul iż-żmien, il-Bank appellat kien għamilhielhom ċara li dak li kien qiegħed jitlob mingħandhom kien li jirkupra l-kapital u li kien lest ukoll jirrifondi xi mgħaxijiet imħallsa żejda. Dan kollu l-Ewwel Qorti għarfitu u, kemm hu hekk, illimitat id-deċide tagħha għall-kapital biss.

16. Għaldaqstant, din il-Qorti tinsab imħassba bl-argumenti tal-għeluq

tal-intimati appellant meta jgħidu li d-dejn ma kienx wieħed ċert. Dan għaliex, quddiem l-Ewwel Qorti, il-Bank rikorrent appellat kien iċċara li kien qiegħed biss jitlob lura l-ħlas tas-somma kapitali mislufa, meta tali dikjarazzjoni tiffavurixxi lill-istess intimati appellanti. Jidher biċ-ċar li, kif il-Bank rikorrent saħaq bir-raġun, dan l-appell huwa biss tentattiv min-naħa tal-appellanti biex itawlu bla bżonn, bil-ħsieb li jibqgħu ma jħallsu xejn lura jew jaqtgħu dejnhom.

17. Din il-Qorti terġa' tfakkar ukoll li l-proċedura mnedija taħt l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija maħsuba biex tirrendi eżegwibbli mill-ġdid titolu eżekuttiv li jkun tilef eżegwibilità tiegħu. Dik il-proċedura ma kienet qatt maħsuba biex tistabbilixxi kemm hu d-dejn li għadu dovut. Kif ingħad bosta drabi fi proċeduri ta' din l-għamla, l-għan tal-Qorti huwa li tara jekk it-titolu eżekuttiv laħaqx "għalaq" u jekk kemm-il darba d-dejn kanonizzat kienx għadu, imqar f'biċċa minnu, mhux imħallas.

18. Minn qari tal-provi dokumentali li jinsabu fl-atti, ma hemm l-ebda dubju li l-ammont misluf mill-Bank appellat lill-intimati appellant ma kienx għadu tħallas kollu sa dakinhar li nfetħet din il-kawża u ma jidhirx li, matul iż-żmien li din il-kawża ilha miexja, dak il-kreditu nqata' kollu kemm hu.

19. Għal dawn ir-raġunijiet, dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud billi

mhux mistħoqq.

20. Ladarba t-tieni aggravju jirrigwarda l-mod kif l-Ewwel Qorti qieset il-kap tal-ispejjeż, ma hemm l-ebda siwi li din il-Qorti tgħaddi biex tqisu, ladarba jiddependi minn kemm kien jiswa l-ewwel aggravju li, kif rajna, mhux se jintlaqa'.

***Deċide:***

21. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-intimati eżekutati bħala mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt u b'hekk tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet premessi, **bl-ispejjeż** kollha jitħallsu mill-istess appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr